

Winston Churchill: Sejħa għall-Istati Uniti tal-Ewropa



Winston Churchill 1874 - 1965

Winston Churchill, ex-uffiċjal tal-armata, ġurnalista tal-gwerra u Prim Ministru tal-Ingilterra (1940-45 u 1951-55), kien wieħed minn tal-ewwel li sejjaħ għall-ħolqien ta' 'Stati Uniti tal-Ewropa'. Wara t-Tieni Gwerra Dinjija, huwa kien konvint li Ewropa magħquda biss setgħet tiggarrantixxi l-paċi. L-għan tiegħu kien li jiġu eliminati l-problemi Ewropej tan-nazzjonaliżmu u l-provokazzjoni tal-gwerrer darba għal dejjem.

Huwa fformula l-konklużjonijiet tiegħu meħudin mil-lezzjonijiet tal-istorja fiċ-ċelebri 'Diskors liż-żgħażaġħ akkademiċi' li sar fl-Università ta' Zurich fl-1946: "Hemm rimedju li ... fi ftit snin jagħmel lill-Ewropa kollha ... ħielsa u ... ferħana. Dan huwa l-ħolqien mill-ġdid tal-familja Ewropea, jew kemm jista' jkun minnha, u li tingħatalha struttura li biha tista' tgħix fil-paċi, fis-sigurtà u fil-libertà. Irridu nibnu tip ta' Stati Uniti tal-Ewropa."

Għaldaqstant il-forza dinamika wara l-koalizzjoni kontra Hitler saret xprunatur attiv fil-kawża tal-Ewropa.

Winston Churchill għamel ukoll isem għalih innifsu bħala pittur u kittieb; fl-1953 huwa ngħata l-Premju Nobel għal-Letteratura.

Żgħożija

Winston Churchill twieled fit-30 ta' Novembru 1874 fil-familja aristokratika Spencer-Churchill tad-Duki nobbli ta' Marlborough, iżda ommu twieldet fl-Amerika. Wara li gawda tfulija fejn ma kien jonqsu xejn, Churchill beda l-edukazzjoni tiegħu fl-1888 f'Harrow, skola tas-subien mill-aqwa f'Londra. Ma weriex li kien student ta' barra minn hawn u għalhekk, l-iskola ma kinitx xi ħaġa li kienet tassew tinteressah.

Wara li temm l-iskola fl-1893, kellu jipprova l-eżami tad-dħul tliet darbiet sabiex jidhöl f'Sandhurst, l-Akkademja Militari Rjali. Iżda wara li ggradwa beda karriera militari li fil-ħames snin li kien imiss ratu jiġġieled battalji fi tliet kontinenti, jirbaħ erba' midalji u Ordni ta' Merti, jikteb ħames kotba u jirbaħ siġġu fil-Parlament, dan kollu qabel ma għalaq 26 sena.

Karriera politika

Waqt li serva fl-armata Ingliża, Churchill kien anki korrispondent ta' gazzetta. Waqt li kien qed jirrapporta dwar il-Gwerra Boer fl-Afrika t'Isfel, ismu deher fuq l-ewwel paġni tal-gazzetti meta ħarab minn kamp tal-priġunieri tal-gwerra waqt li kien hemm, biex imbagħad mar lura lejn l-Ingilterra fl-1900 sabiex jaqbad karriera politika. Huwa ġie elett fil-Parlament u serva f'Kabinetti differenti bħala Segretarju tal-Affarijiet Interni u l-Ewwel Lord tal-Ammiraljat (Ministru responsabbli min-navy). Fl-1915 ġie mgjegħel jirriżenja wara li falliet kampanja militari partikolari. Huwa ddeċieda li jingħaqad fl-armata mill-ġdid u mexxa lis-soldati tas-Sitt Battaljun tar-Royal Scots Fusiliers fit-trunċiera ta' Franza. Meta fl-1917 ġie fformat gvern ġdid, sar il-Ministru tal-Munizzjon. Fis-snin li wasslu għall-1929, Churchill ħadem fl-iktar inkarigi ministerjali importanti minbarra dak ta' Ministru tal-Affarijiet Barranin.

Fl-1929, inqata' mill-partit tiegħu, il-Konservattivi. Dan kien il-bidu ta' perjodu fil-ħajja ta' Churchill magħruf bħala s-‘Snin ta’ Mingħajr Irbit’. Huwa kompla jikteb u sar awtur ta’ artikli u kotba ferm prolificu u kellu ħafna xogħol li ġie ppubblikat. Churchill kien fost l-ewwel ftit nies li għarfu t-theddida li kienet qed tikber ta’ Hitler ferm qabel it-Tieni Gwerra Dinjija u kien l-ewwel wieħed li leħen it-tħassib tiegħu.



Churchill jagħti s-sinjal ta' rebħa 'V' matul diskors fil-Kungress Ewropew fl-Aja fl-1948.

It-Tieni Gwerra Dinjija

Fl-1939, it-tbassir ta' Churchill sar realtà hekk kif faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija. Fl-1940, laħaq Prim Ministru u mexxa lir-Renju Unit matul is-snin diffiċli tal-gwerra, billi offra tama u determinazzjoni lill-poplu Inġliż bid-diskorsi ispirattivi tiegħu. Iċ-ċaħda konvinta tiegħu milli jikkunsidra telfa jew milli jinnegozja man-Nazisti, ispirat ir-reżistenza Inġliża, speċjalment fil-bidu tal-gwerra meta l-Ingilterra kienet waħedha fl-oppożizzjoni attiva tagħha kontra Hitler. Minkejja dan, tilef l-elezzjonijiet ta' wara l-gwerra. Madankollu, ma tilifx il-ħila li jinterpreta tajjeb kif kienu se jseħħu l-affarijiet fil-ġejjieni, kif muri fid-diskors famuż tiegħu f'Fulton, Missouri dwar it-theddida mill-Komunisti Sovjetiċi, fejn ħoloq l-espressjoni ferm magħrufa dwar il-‘Purtiera tal-Ħadid’.

‘Stati Uniti tal-Ewropa’

Fl-1946, Churchill għamel diskors famuż ieħor, fl-Università ta' Zurich, fejn tkellem favur ‘Stati Uniti tal-Ewropa’, li fih ħeġġeġ lill-Ewropej sabiex jinsew l-orruri tal-imgħoddi u jħarsu lejn il-ġejjieni. Huwa ddikjara li l-Ewropa ma setgħetx tkompli tkaxkar ma' saqajha l-mibegħda u l-vendetta mnissla mill-feriti tal-imgħoddi, u li l-ewwel pass għall-ħolqien mill-ġdid tal-‘familja Ewropea’ ta' ġustizzja, ħniena u libertà kien ‘li jinbena tip ta’ Stati Uniti tal-Ewropa. B’dan il-mod biss mijiet ta’ miljuni ta’ ħaddiema li ħadmu bla waqfien setgħu jerġgħu jiksbu t-tama u dawk l-affarijiet zġħar li jagħmlu l-ħajja waħda ta’ min jgħixha”.

Il-Kunsill tal-Ewropa

B’dan l-appell għal Stati Uniti tal-Ewropa, Churchill kien wieħed minn tal-ewwel li tkellmu favur integrazzjoni Ewropea sabiex jiġi evitat milli jerġgħu jseħħu l-atroċitajiet taż-żewġ gwerer dinjija, billi sejjaħ għall-ħolqien ta’ Kunsill tal-Ewropa bħala l-ewwel pass. Fl-1948, fl-Aja, 800 delegat mill-pajjiżi Ewropej kollha ltaqgħu f’Kungress grandjuż tal-Ewropa, b’Churchill bħala president onorarju.

Dan wassal għall-ħolqien tal-Kunsill tal-Ewropa fil-5 ta’ Mejju 1949, li Churchill attenda għall-ewwel laqgħa tiegħu personalment. Is-sejħa għal azzjoni tista’ titqies bħala xprun għal integrazzjoni ulterjuri kif ġie maqbul iktar tard matul il-Konferenza ta’ Messina fl-1955, li wasslet għat-Trattat ta’ Ruma sentejn wara. Kien ukoll Churchill l-ewwel wieħed li lissen l-idea ta’ ‘armata Ewropea’ li kellha l-għan li tħares il-kontinent u li tipprovdidi diplomazija Ewropea b’ċerta protezzjoni. Barra minn hekk, fl-1959 inħolqot il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem — għaxar snin wara li Churchill beda jiġġieled favur din l-idea.

Billi pprovda ispirazzjoni lin-nies tal-Ewropa bħala fattur fundamentali fil-ġlieda tal-alleati kontra n-Nazizmu u l-faxxiżmu, Winston Churchill imbagħad sar fundamentali għall-integrazzjoni Ewropea u wieħed li ssielet b’mod attiv għall-kawża tagħha.